MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 1224/1993/1

**John Cordina**

**v.**

**Dr. Joseph sive Josie Muscat**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenut minn sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April 2003 li kienet tghid hekk:

"Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi b'kuntratt datat 2 ta' Mejju 1983 il-konvenut kera l-fond Corrigo Hall, Bajada Street, Zabbar proprjeta` ta' l-attur ghal prezz ta' Lm30 u skond il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess kuntratt Dok. A;

Premess illi skond l-istess kuntratt l-iskop tal-kirja kellha tkun "*Tea Party*";

Premess illi ad insaputa ta' l-attur u b'vjolazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi u minkejja l-fatt li l-attur avza lill-konvenut biex ma jurix film u minkejja l-fatt li l-konvenut accetta li ma jurix film, il-konvenut wera film fl-istess proprjeta` ta' l-attur;

Premess illi l-fond Corrigo Hall ma kienx licenzjat ghal wiri ta' films;

Premess illi b'rizultat tal-fatt li l-konvenut organizza dan il-film show fis-sala ta' l-attur, fl-14 ta' Gunju 1983 il-Kummissarju tal-Pulizija rrevoka l-licenzji kollha li l-attur kellu fuq is-sala Corrigo Hall (Dok. B);

Premess illi minhabba r-revoka tal-licenzji tieghu l-attur sofra danni kbar inkluz telf ta' *bookings* li kienu diga` miftiehma.  Dawn id-danni se jigu spjegati fid-dettal fil-kawza;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li bl-agir tieghu l-konvenut kkaguna danni lill-attur;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'rizultat ta' l-agir tal-konvenut;

3. Tikkundanna l-konvenut biex ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Bl-ispejjez ta' l-ittri ufficjali tat-23 ta' Frar 1984, 26 ta' Settembru 1986, 31 ta' Jannar 1989 u 11 ta' Frar 1993 u dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-14 ta' Novembru 1983;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-azzjoni hi preskritta;

2. Illi ma kienx il-konvenut illi abuzivament u illegalment rtira l-licenzja tal-Corrigo Hall, u ghalhekk ghal dak l-abbuz ma jirrispondix il-konvenut, izda haddiehor;

3. Illi l-attur kien ko-organizzatur ta' l-istess attivita`, u ircieva u pprepara l-armar mehtieg, u ma jistax issa jigi jillamenta meta kien hu li ghamel il-preparazzjonijiet necessarji;

4. Illi l-partijiet, fi skrittura li gabet maghha novazzjoni, iddikjaraw illi kien l-attur li kellu jhallas somma (rizultanti minn bilanc ta' self) lil konvenut, u mhux vici-versa;

5. Illi f'kull kaz, il-kawza impostata hazin, billi l-attivita` ma gietx organizzata mill-konvenut izda minn grupp ta' nies maghrufa bhala "il-hbieb ta' Josie Muscat", u ghalhekk il-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur ta' l-attur;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-28 ta' Frar 1994 li permezz tieghu gie nominat Dr. Tonio Mallia bhala perit legali biex ifittex u

jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

Illi inoltre is-*show de quo* ma kienx *film show* kif qed jinghad mill-attur, izda *video show*, u fiz-zmien li sar dan is-*show*, ma kien hemm ebda regolamenti dwar *video shows*, u ebda regolamenti ma nkisru minn hadd;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi perit legali li tinsab a fol 40 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza ta’ l-10 ta’ Lulju 1998;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia moghtija, l-azzjoni hija anke preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap. 16);

Rat in-noti pprezentati mill-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Fl-analisi tal-provi li ghamel il-perit legali f'din l-istanza huwa kkonkluda li l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-attur, konsegwenti ghar-revoka mill-Pulizija tal-licenzja li kienet tgawdi s-sala maghrufa bl-isem "Corrigo Hall", proprjeta` ta' l-attur, u lokata lill-konvenut ghal okkazjoni partikolari;

Biex wasal ghad-deduzjoni tieghu l-perit legali kkonsidra dawn il-fatti:-

I.  Bi skrittura datata 2 ta' Mejju 1983, il-konvenut kera s-sala imsemmija ghall-iskop ta' organizzazzjoni ta' *tea party* fit-13 ta' Mejju 1983;

II.  F'din l-okkazjoni ntwera video ta' loghba *football* fuq *screen* provvdut mill-konvenut ghal liema l-partecipanti hallsu l-flus.  Din l-attivita` giet meqjusa li kienet titrasgredixxi l-licenzja li kellu l-attur kif ukoll l-Entertainments Tax Act, 1974 li kien jippreskrivi hlas ta' taxxa f'kaz ta' kull *entertainment* provvdut lill-pubbliku;

III.  Gew imposti diversi multi ghal ksur ta' din il-ligi fiskali, li gew debitament imhallsa.  Ittiehdu wkoll proceduri penali (Dok. LC1) kontra l-attur minhabba l-wirja tal-film jew video, bi ksur tal-ligi.  L-attur pero` gie esklupat minn kull inkriminazzjoni u liberat minn kull htija (Dok. LC2);

IV.  Jirrizulta li wara l-akkadut il-konvenut kien assuma r-responsabilita` ta' dak kollu li kien sehh fis-sala, wara li martu rrikorriet ghal dan l-iskop fl-Ghassa tal-Pulizija.  Ara xhieda ta' John Bartolo (Seduta tal-11 ta' Lulju 1995);

V.  Jirrizulta minn dikjarazzjoni tal-konvenut f'ittra li baghat lil Pulizija illi l-attivita` giet organizzata minnu ("*organized by me*").  Hekk ukoll jirrizulta illi lill-attur ma kienx informah li ser isir film, "ghaliex ma hassejtx li kelli ghalfejn nghidlu" (xiehda tal-konvenut fil-proceduri kriminali kontra l-attur, Dok. JC11). Dan jirrizulta wkoll mill-istqarrija tieghu lill-Pulizija (Dok. JC10);

VI.  B'konsegwenza ta' dan kollu il-Pulizija rrevokaw il-licenzji kollha ta' l-attur riferibilment ghas-sala *de quo*.  Ara dokumenti JC7, LC7 u LC8 li huma ripetizzjoni ta' l-istess haga;

Fl-isfond ta' dawn il-provi l-perit legali ddetermina illi:-

(a) L-attivita` giet organizzata mill-konvenut personalment u fil-fatt huwa assuma mhux biss il-paternita` taghha izda wkoll ir-responsabilita` ghaliha, tant li kien hu li hallas il-multi imposti mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni.  Ara

korrispondenza skambjata bejn il-konvenut u s-C.I.R., senjatament Dok. SB8 u SB9;

(b) Ma giex stabbilit illi kien hemm abbuz jew vessazzjoni mill-Pulizija fl-irtirar tal-licenzja, meta gie stabbilit illi effettivament, u kif ammess, kien sar ksur tal-ligijiet tal-pajjiz bl-attivita` organizzata fis-sala. Dippju l-Kummissarju ma giex citat jew imsejjah fil-proceduri u allura ma kienx lecitu, illi fuq l-istregwa tal-principji dottrinali akkolti mill-gurisprudenza, il-Qorti tinvesti l-htija, o meno, ta' min mhux parti fil-kawza. (**Vol. XL P II p 746**);

(c) Il-fatt li l-attur issellef xi flus minghand il-konvenut fiz-zmien meta s-sala kienet maghluqa minhabba r-revoka tal-licenzja, ma kienx ifisser illi b'daqshekk l-attur irrinunzja ghad-dritt tieghu li jikkonsegwixxi d-danni fil-konfront tal-konvenut. Din ir-rinunzja ma tirrizulta mill-ebda atteggjament ta' l-attur jew ta' xi skrittura tas-self li baqghet ma gietx esebita;

Tabilhaqq, "rinunzja espressa ghad-dritt hemm bzonn tirrizulta minn espressjonijiet cari u univoci u mhux minn espressjonijiet generici" (**Vol. XXI P II p 486; Vol. XXVIII P III p 1154**). Minn naha l-ohra, "rinunzja tacita tad-drittijiet ma jistghux jigu desunti hlief minn cirkostanzi tali li jippresupponu b'mod car u univoku l-abbandun tad-dritt" ("**Carmelo Galea -vs- Dottor Albert Camilleri noe**", Appell Civili, 18 ta' Marzu 1977). "Hemm bzonn li din ir-rinunzja tirrizulta minn att jew kumpless ta' atti, li jissupponu necessarjament fir-rinunzjant l-intenzjoni li hu jabdika d-dritt tieghu" (**Vol. XXVIII P II p 333; Vol. XXXIV P II p 646; Vol. XLIII P II p 826**);

(d) Dwar l-allegata kompartecipazzjoni ta' l-attur jirrizulta li dan ma kellux x'jaqsam ma' l-organizzazzjoni nnifisha ta' l-attivita`. Dan, kif fuq manifest, hu sahansitra koncess mill-konvenut innifsu. Ara para. V supra;

Huwa pacifiku illi l-oneru tal-prova tal-konkors ta' l-attur hu mixhut fuq id-danneggjant, una volta d-danneggjat ikun irnexxielu jaghmel il-prova tad-danni derivati mill-fatt illecitu u bi ksur tal-ligijiet;

(e) Il-preskrizzjoni eccepita (Artikolu 2154, Kodici Civili) ma tghoddx ghal kaz;

Il-perit legali bbaza din il-konsiderazzjoni tieghu fuq ir-ragjonament illi ma ngiebux provi sufficjenti li juru li d-danni huma rizultat ta' reat.  Dippju l-posizzjoni assunta mill-konvenut fis-sens li hu ma wettaq l-ebda attivita` illegali fis-sala, u ma sar l-ebda reat, hi nkonciljabbli mal-preskrizzjoni sollevata;

Fuq dan l-ahhar punt tal-preskrizzjoni din il-Qorti taghmel ukoll din l-osservazzjoni.  Fil-fehma taghha l-materja kollha tigi nkwadrata mill-punto di vista tar-rapport lokatizzju (fol. 5) intervenut bejn il-partijiet u li holoq il-kuntratt bejn il-kontraenti;

Il-ligi taghna tiddekreta tliet xorti ta' danni: (1) dawk derivanti minn delitt veru u proprju (il-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' l-azzjoni kriminali), (2) dawk derivanti minn htija akwiljana (il-preskrizzjoni hi dik ta' sentejn), u (3) dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali (il-preskrizzjoni hi dik ta' hames snin).  Ara in subjecta materja decizjoni fl-ismijiet "**Joseph Micallef noe -vs- Carmelo Cassar**", Appell Civili, 27 ta' April 1953;

Issa "huwa veru li mhux kull vjolazzjoni tad-dritt ta' haddiehor fl-adempiment ta' kuntratt tikkostitwixxi kolpa kontrattwali, pero` biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali, jehtieg li dik il-kolpa ma jkolliex rapport dirett mal-kuntratt pre-ezistenti, u ghalhekk anki fil-presenza tal-kuntratt, jiddependi mic-cirkustanzi l-gudizzju jekk il-kolpa li wiehed mill-kontraenti jaddebita lill-iehor hijiex kontrattwali jew akwiljana.  Jigifieri illi meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun akwiljana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali" ("**Joseph Busuttil -vs- Emmanuele Schembri**", Appell Kummercjali, 19 ta' Frar 1954);

Kif rilevat fid-decizjoni "**Gaetano Spiteri pro et noe -vs- Thomas Castle**", Prim' Awla, Qorti Civili, 18 ta' Awissu 1965, "fl-individwazzjoni tan-natura tal-*colpa* hafna jrid

jithalla ghall-interpretazzjoni gudizzjarja jew aktar, bi precizjoni, ghad-diskrezzjoni tal-gudikant fl-apprezzament tal-fattispecji dedotti.";

Taht dan l-aspett jassumu importanza t-termini tac-citazzjoni biex il-Qorti tkun tista' tara liema hi l-azzjoni ezercitata. Il-premessi taghha huma kollha allacjati u konnessi mal-kuntratt tal-kirja;

Gjaladarba dan hu hekk il-kaz, kif inhu saput, f'materja ta' lokazzjoni, l-inkwilin hu obbligat jiehu kura u jindokra l-haga lilu affittata bid-diligenza ta' missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1554, Kodici Civili);

Jekk dan ma jsirx u l-kerrej igib hsara lis-sid, oltre l-hall tal-ftehim, ikollu jwiegeb ghal hlas tad-danni (Artikolu 1555 (1) u (3), Kodici Civili). "*Invero, posto che obbligo precipuo del conduttore sia quello di servirsi della cosa locata da buon padre di famiglia, e posto altresi che, se il conduttore impiega la cosa locata in modo che possa derivarne danno al locatore, questi puo, secondo le circostanze, domandare lo scioglimento della locazione, si deve di necessita` concludere che il conduttore deve rispondere sempre del danno anche quando cagionato dall'uso che faccia del fondo.*" ("**Negte. Giovanni Azzopardi -vs- Negte. Vincenzo Cuschieri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Mejju 1925;

Dan affermat, il-preskrizzjoni ghall-azzjoni hi dik konnessa mal-kuntratt lokatizju. Kien proprju minhabba li ntebah li din kienet is-sitwazzjoni illi aktar tard il-konvenut, b'eccezzjoni ulterjuri (fol. 72), u wara r-rapport peritali, issolleva l-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur ta' l-Artikolu 2156(f);

Konfrontat b'din l-eccezzjoni l-attur (fol. 76) issottometta li tali eccezzjoni ma setghetx, in forza ta' l-Artikolu 728 tal-Kapitolu 12, titqajjem fl-istadju li giet sollevata. Il-Qorti tiddisponi minn din il-pregudizzjali billi tindirizza lill-attur ghall-Artikoli 731 u 732 tal-Kapitolu 12. In kwantu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi wahda perentorja din tista' titqajjem f'kull stadju, sahansitra fil-grad ta' l-appell. Hekk

jistabbilixxi l-Artikolu 2112 tal-Kodici Civili. (**Vol. XXXIII P I p 630; "Paul Balzan noe -vs- John A. Scicluna noe"**, Appell, 3 ta' Dicembru 1999 u **"David Camilleri noe -vs- John Camilleri"**, Appell, 30 ta' Gunju 2000;

Minn naha tieghu l-konvenut jghid li l-attur ma pprovax l-interruzzjoni ghax ghalkemm isemmi l-ittri ufficjali dawn ma gewx esebiti u ghalhekk mhux maghruf jekk kif redatti jinterrompux il-preskrizzjoni;

Huwa car hafna illi l-konvenut sfuggielu l-fatt li dawn l-ittri ufficjali gew intavolati mill-attur fis-seduta ta' l-14 ta' Dicembru 1994 u jinsabu esebiti fl-atti bhala Dok. JC1, JC2, JC3 u JC4;

Dawn l-atti ghandhom forza interruttiva in kwantu jirrivestu l-elementi rikjesti mill-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili u jesprimu b'mod car il-volonta` ta' l-awtur ta' l-atti gudizzjarji li jikkonserva d-drittijiet tieghu. Volonta` li ma hemmx bzonn li tigi espressa b'xi frazi specjali, imma bizzejjed li tkun espressa bi kwalunkwe mod. (**Vol. XLI P II p 1173; "Saviour Bezzina -vs- Carmelo Borg"**, Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Marzu 1974;

M'hemmx diskussjoni ghalhekk illi konsiderati dawn l-ittri gudizzjarji tat-23 ta' Frar 1984, 26 ta' Settembru 1986, 31 ta' Jannar 1989 u 11 ta' Frar 1993 il-preskrizzjoni kwinkwennali eccepita giet debitament interrotta;

Jifdal issa x'jigi kkunsidrat il-punt tar-responsabilita u l-fattur tad-danni;

Gja gie stabbilit illi l-fatt tal-ksur tal-ligijiet fiskali u l-wiri fil-pubbliku tal-film jew video kellu r-rizultat leziv ghall-attur ta' l-irtirar tal-licenzja mill-Pulizija u kwindi ta' l-impossibilita` ta' l-attivita` gestjonali tas-sala. Dan il-fatt l-attur irnexxielu jipprovah kemm ghal dik li hi imputabilita` kif ukoll fil-forma materjali u specifika tal-kolpa attribwita lill-konvenut bhala kawza tad-dannu;

Lanqas ma jista' jinghad illi d-dannu bhala konsegwenza ta' l-att illegali ma kienx previdibbli. Il-gudizzju ta' din il-

prevedibilita` tad-dannu jigi kompjut mhux biss in relazzjoni ghal mument li fih jinsorgi r-rapport izda ghall-attwalita` ta' l-att fil-mument tal-kompiment tieghu. Sewwa rrileva l-perit legali illi min jaghmel attivita` tax-xorta taghha messu kien jaf, jew ghallanqas ghamel id-debiti verifiki, biex jiskansa l-periklu tar-revoka tal-licenzja;

Il-fatt li l-konvenut naqas li jaghmel dawn l-accertamenti ghal finijiet tal-ligijiet fiskali tali nuqqas ma jistax ma jkunx kwalifikat bhala ghemil negligenti ta' min ma hax hsieb ragjonevoli fl-interess tas-sid u tal-fond lokat. Jibqa' dover tieghu li jiehu hsieb li l-attivita` minnu organizzata ma tarrekax dannu;

Fl-ahharnett il-Qorti tikkondividi l-likwidazzjoni tad-danni kif komputati mill-perit legali bl-uzu ta' l-arbitriju *qua "bonum vir"*. Likwidazzjoni li del resto ma giet bl-ebda mod kritikata mill-konvenut fin-nota ta' kritika tieghu (fol. 58) ghar-rapport.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi wara li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut, takkolji l-ewwel talba attrici u tiddikjara lill-konvenut fi htija ghad-danni sofferti mill-attur bl-agir ta' l-istess konvenut;

Tilqa' t-tieni domanda u tillikwida d-danni fl-ammont ta' erbat elef erba' mija hamsa u sittin lira Maltija (Lm4465);

Finalment tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni, bl-interessi mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu a kariku tal-konvenut."

2. Il-konvenut hassu aggravat b'din is-sentenza u interpona appell minnha ghal fini tar-revoka taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**<u>KONSNIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

3.1. L-aggravju tal-konvenut appellant li, sfortunatament, jinsab "maghgun", b'mod kemmxejn ikkomplikat, daqqa mal-fatti u daqqa mas-sottomissjonijiet f'forma ta' lanjanzi, huwa dak li l-Qorti ta' l-ewwel grad "ma apprezzatx il-fatt illi l-konvenut ma kiser ebda ligi, billi dak iz-zmien ma kien rikjest ebda permess biex jintwera xi video" u li "lanqas ma kien hemm ksur ta' xi ligi fiskali, billi ma kien hemm ebda '*fund raising*' involut".

3.2. L-appellant stess inoltre jissentetizza l-lanjanza tieghu kif gej:

"It-tezi tal-konvenut hi illi hu ma ghandux jirrispondi ghall-azzjoni '*high handed*' ta' regime illi abbuzivament u minghajr ebda kundanna guridika ghalaq il-post ghaz-zmien li ried. Qed jigi sostnut li l-attur (i.e. l-appellat) ma ghamel xejn biex jirrezisti din l-azzjoni illegali, u qaghad komdu biex meta deherlu fittex lill-konvenut b'talbiet ezorbitanti illi jekk tirnexxilu din il-kawza jaghtuh profit wisq u wisq akbar minn dik li kien jaqla' altrimenti."

4.1. Din il-Qorti tibda billi tosserva li l-aggravju tal-konvenut, b'eccezzjoni wahda fir-rigward tal-*quantum* tad-danni li gew likwidati, ma jqanqal ebda punt innovattiv li ma giex avanzat u mgharbel b'mod mill-aktar approfondit kemm mill-abili perit legali li kien gie nominat mill-ewwel Qorti, jigifieri l-avukat (illum Imhallef) Tonio Mallia, kif ukoll mill-ewwel Qorti, f'sentenza elaborata li giet inkorporata ma' din is-sentenza.

4.2. Il-konvenut jinsisti li l-attur htieglu qabel xejn igib il-prova li sar ksur ta' ligi u li kien in konsegwenza diretta ta' dan il-ksur li giet revokata l-licenzja ta' l-attur dwar "Corrigo Hall" u li ghal dan kollu kien jahti unikament il-konvenut. L-appellant isostni li minn ezami tal-provi akkwiziti, minn dan kollu ma jirrizulta proprju xejn u li l-agir tal-Gvern tal-gurnata, kien biss manifestazzjoni ta' abbuz grossolan u li ghalih ma kkontribwixxa bl-ebda mod il-konvenut. Minbarra dan, jirrizulta li l-attur ma ha ebda passi biex jilqa' kontra l-agir abbuziv da parti tal-

Kummissarju tal-Pulizija meta dan irrevokalu (fil-fatt si trattava ta' sospensjoni ghal xi xhur) l-licenzja biex jopera l-"Corrigo Hall". Dwar id-danni, isostni fl-ahharnett il-konvenut appellant, huwa ma kien tenut li jhallas xejn, u li f'kull kaz, id-danni reklamati u likwidati kienu f'ammont ezorbitanti u ma jirrispekkjawx ir-realta`.

5. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghal dak li jirrigwarda apprezzament ta' fatti, ma jidhirx li hemm lok ghal xi varjazzjoni mill-evalwazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha ssibha ferm difficli biex tirrinkoncilja, min-naha 'l wahda, l-asserzjoni tal-konvenut li hu ma kien responsabbli ghalxejn di fronte l-attur, u min-naha l-ohra l-provi cari li juru li l-attivita` li waslet ghall-eventwali gheluq tal-"Corrigo Hall" giet organizzata mill-konvenut personalment, u di piu`, huwa assuma wkoll ir-responsabbilita` ghal dak kollu li sehh wara. Fil-fatt, jirrizulta li l-konvenut sahansitra hass li kellu jhallas minn butu dawk il-multi imposti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, kif jemani mill-korrispondenza skambjata bejnu u l-istess Kummissarju – ara Dok SB8 u SB9 a fol. 259 u 260 tal-process. Mill-ftehim Dok A, a fol. 5 tal-process, imbaghad, jirrizulta li s-sala Corrigo inkriet ghal fini ta' "*Tea Party*" u mhux ghal wiri ta' film. Ir-responsabbilita` ghal dak li gara in segwitu tirridonda unikament fuq il-konvenut. Jekk stess kien hemm xi abbuz derivanti min-naha tal-awtoritajiet kompetenti – asserzjoni gratuwita fin-nuqqas ta' provi fir-rigward – kien allura jinkombi fuq l-istess konvenut (dak, jigifieri, li qed jallegaha) li jikkjama fil-kawza min kien tassew responsabbli ghall-istess abbuz. Minn dan kollu l-konvenut baqa' ma ghamel xejn ghar-raguni li huwa dejjem irritjena sa l-ahhar, anke waqt it-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, li l-oneru li jharrek lit-terz f'kaz bhal dan kien jinkombi fuq l-attur u mhux fuqu. Din il-Qorti tahsibha diversament. Hija ma tista' qatt taccetta tali tezi mhux biss semplicement ghax l-oneru kien jinkombi fuq min qieghed jallega l-abbuz tat-terz, imma ghaliex ukoll jirrizulta li l-konvenut, koerentement mal-fatt li huwa assuma li jerfa' kwalsiasi responsabbilta` ghall-akkadut, volontarjament ghazel li jhallas il-multi imposti, u dana peress li l-konvenut naqas milli japplika ghall-permessi mehtiega sabiex ikun jista' jigbor flus mill-

pubbliku li attenda fis-sala de quo biex, fost ohrajn, isegwi ghall-projezzjoni ta' film. Fi kliem iehor, fl-istess waqt li l-konvenut qieghed jghid li ma jiccentra xejn fil-vicenda, hemm imbaghad provi li juru kif hu accetta kull responsabbilta` u sahansitra ghamel tajjeb ghaliha *in parte*, billi hallas il-multi li gew imposti. Bl-istess mod ambivalenti, il-konvenut ghadu jinsisti li l-htija ta' dak kollu li sehh kien attribwibbli ghall-agir li hu jittimbra bhala "abbuziv" u "illegali" da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija, u jippretendi li jekk hemm xi hadd li lilu jispetta li jsejjahhlu fil-kawza biex jirrispondi ghal ghemilu, dan ghandu jkun l-attur u mhux hu! Fir-rigward ta' l-eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni (kien hemm izjed minn eccezzjoni wahda) sollevati mill-konvenut f'diversi stadji tal-kawza, din il-Qorti hija konkordi ma' l-ewwel Qorti in kwantu rriteniet li l-posizzjoni assunta mill-konvenut li hu ma wettaq l-ebda attivita` illegali fis-sala u ma sar ebda reat, hija irrikonciljabbli mal-preskrizzjoni sollevata. Mill-bqija hemm provi sufficjenti ta' ness ta' kawza u effett li jorbtu n-nuqqasijiet tal-konvenut mal-konsegwenzi sofferti mill-attur u telf ta' profitti. Il-provi, inoltre, juru kif l-attur spicca imharrek fi proceduri kriminali li gew istitwiti kontrieh bhala rizultat u li hu wkoll, bhall-konvenut, ghamel l-almu tieghu biex ixejjen dawn l-akkuzi. Lanqas ma hu eskluz li l-Kummissarju tal-Pulizija fil-fatt seta' kien li uza id iebsa wisq ghal dak li sehh u li hu, b'daqstant, seta' kien ko-responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur, izda haga bhal din trid mhux biss tirrizulta mill-provi, imma min suppost ghandu jirrispondi ghaliha jrid ikun ukoll parti fil-kawza. Li kieku l-konvenut gharaf li kien jinkombi fuqu li jassumi tali oneru, minflok li jaddotta t-triq ta' l-ostinazzjoni li ma jirrikonoxxi l-ebda tehid ta` azzjoni simili min-naha tieghu, kieku l-ezitu tal-vertenza seta' ha zvolta differenti.

Ghalhekk dana l-aggravju qieghed jigi respint.

6. Ghal dak li jikkoncerna l-*quantum* tad-danni, frankament din il-Qorti ma tasalx biex tifhem kif il-konvenut jista' jillamenta minnu, meta bhala parti mill-ostinazzjoni tieghu li ghaliha din il-Qorti gia` ghamlet riferiment fil-paragrafu precedenti, huwa hass li ma kellux ghalfejn joqghod, ankorke` bla pregudizzju, juri lill-ewwel

Qorti l-ghaliex id-danni reklamati fi kwalunkwe kaz, kienu irreali u ezorbitanti. Ir-riluttanza da parti tal-konvenut li jidhol f'xi forma ta' kontestazzjoni dwar id-danni pretizi mill-kontroparti attrici spiccat biex isarrfet filli l-konvenut jonqos milli jikkontradici dak li kien qieghed jigi allegat mill-attur in linea ta' danni. L-istess konvenut, rinfaccat b'dan l-istat ta' fatt, jistqarr li gej fir-rikors ta' appell.

"Il-konvenut ma ghamilx enfasi fuq il-*quantum* ta' danni eventwali billi tant ihoss illi ma giet ippruvata ebda ksur ta' ligi u ebda ksur ta' ftehim da parti tieghu, illi d-danni m'hemmx lok ghal likwidazzjoni taghhom".

B'rizultat ta' tali inerzja, il-konvenut issa donnu qieghed jippretendi li dak li m'ghamilx quddiem l-ewwel Qorti, jaghmlu fl-istadju ta' l-appell u dan billi jistieden lil din il-Qorti biex tidhol f'ezercizzju ta' mera spekulazzjoni, meta tali ezercizzju, li jinvolvi kontroll ta' dak illi kien qieghed jigi prodott minn parti, messu sar fl-ewwel lok quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad.

Din il-Qorti, fic-cirkustanzi, jidhrilha li dana l-aggravju huwa wkoll infondat u qieghed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza moghtija, tichad l-appell tal-konvenut bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------